

POŻIZZJONI VAKANTI

Espert Prinċipali tas-Sikurezza Mikrobika ta' Sustanzi ta' Oriġini Umana

Unità: Unità tal-Programmi tal-Mard

Referenza: ECDC/AD/2023/DPR-PESHO

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Il-persuna impjegata se tirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tal-Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment, il-Viruses li jinġarru fid-demm u t-Tuberkulożi (SBT) fl-Unità tal-Programm tal-Mard.

Il-persuna impjegata se tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Parir xjentifiku relatat mas-sikurezza mikrobika tad-demm u l-komponenti tad-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli, u l-organi - sustanzi ta' oriġini umana (SoHO);
- Il-koordinazzjoni tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-operat ta' kuljum ta' gwida u għodod għall-attivitajiet ta' tħejjija għaż-żamma tas-sikurezza mikrobika tas-SoHO;
- L-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' theddid għas-SoHO, bħad-demm, l-organi, it-tessuti u ċ-ċelloli potenzjalment affettwati minn mard komunikabbli;
- Il-koordinazzjoni ta' network ta' servizzi tal-Istati membri li jappoġġaw it-trasfużjoni, it-trapjanti u r-riproduzzjoni assistita medikament;
- L-assistenza lill-Istati Membri fit-tiżni tas-sistemi għall-kontroll u l-prevenzjoni tat-trażmissjoni ta' mard infettiv permezz tas-SoHO inkluż il-ġbir tad-*data*, ir-rappurtar u d-disseminazzjoni ta' analiżi;
- It-tiżni tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru u l-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti għas-SoHO, u l-istabbilimenti nazzjonali tas-SoHO, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-korpi Ewropej u internazzjonali u networks, sħab u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;

- Kollaborazzjoni mat-tim tas-SoHO tal-Kummissjoni Ewropea u attendenza b'mod attiv il-laqgħat regolari tat-tim u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti;
- L-ikkummissjonar u l-ġestjoni ta' proġetti jew studji, konsulenti f'oqsma rilevanti, twettiq u/jew monitoraġġ ta' studji ta' fattibbiltà rigward is-sikurezza mikrobika tas-SoHO u l-interventi preventivi;
- Il-koordinazzjoni u l-iffaċilitar fi ħdan it-tim tas-SoHO u fiċ-Ċentru tal-attivitajiet relatati mas-SoHO, inkluż il-kontribuzzjoni għall-pjan ta' ħidma annwali u l-għoti ta' input fi proġetti rilevanti ffinanzjati mill-ECDC dwar is-sikurezza mikrobika tas-SoHO;
- Kontribut għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu;
- Jista' jintalab biex jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas disa' snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat(a) għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)⁴;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament f'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tas-selezzjoni

Sabiex tikkwalifika għal din il-kariga, identifika kriterji essenzjali fir-rigward ta' esperjenza professjonali u karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

1 Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

2 Servizz militari obbligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

3 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

4 Qabel il-ħatra, il-kandidati magħżula se jintalbu jipprovdu ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juru li ma għandhomx kondotta kriminali.

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Grad universitarju fil-qasam tal-mediċina, is-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija, ix-xjenzi bijomediċi jew suġġett relatat;
- Għarfien sod ta' evidenza u kwistjonijiet relatati ma' theddid ta' mard komunikabbli relatat mad-demm, u/jew tessuti u ċelloli tal-bniedem, u/jew l-organi;
- Esperjenza mixhuda bi prova f'attivitajiet relatati mat-tisħiħ strateġiku u operazzjonali tat-tħejija u r-rispons għal theddid ta' mard komunikabbli relatat mad-demm, u/jew tessuti u ċelloli tal-bniedem, u/jew organi;
- Esperjenza mixhuda bi prova b'metodi għal mediċina bbażata fuq l-evidenza u l-iżvilupp ta' gwida;
- Esperjenza fil-ġestjoni tal-proġetti u fit-tmexxija ta' esperti jew timijiet multidixxiplinari;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Tkun xprunat(a) mill-kwalità u tkun orjentat(a) lejn is-servizz;
- Kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Kapaċità li tagħti s-setgħa, thegħġ u tmexxi lil ħaddieħor;
- Tkun orjentat(a) lejn il-ksib tar-risultati;
- Impenjat(a) fit-tagħlim kontinwu u żżomm lilek innifsek aġġornat(a) mal-iżviluppi fil-qasam tal-għarfien espert tiegħek;
- Ikollok ħiliet analitiċi eċċellenti.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji ta' selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jhegħġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-persuna impjegata se tinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tigarantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovd i għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁵ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁵ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.